**229. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor. Louis Grech MP, jipproponi illi:**

Din il-Kamra

TINNOTA l-ftehim fil-prinċipju li kien intlaħaq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra matul il-Leġiżlatura li għaddiet fil-laqgħa 29 tat-12 ta' Jannar 2011 fir-rigward ta' xandir bil-viżiv u bl-udit fuq is-sit elettroniku tal-Parlament tas-seduti tal-plenarja u tal-kumitati, liema ftehim sussegwentement ġie implimentat għal-laqgħat tal-Kumitati maħtura mill-Kamra;

TINNOTA l-ftehim milħuq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra matul din it-12-il Leġiżlatura fl-ewwel laqgħa tiegħu tas-6 ta' Mejju 2013 li kien jgħid li l-arranġamenti li kien hemm dwar xandir ta' laqgħat parlamentari fuq l-internet kellhom jibqgħu fis-seħħ;

TINNOTA l-ftehim fil-prinċipju li kien intlaħaq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra fil-laqgħa 21 tal-1 ta' Ottubru 2014 sabiex meta l-Parlament jibda jiltaqa' fil-binja l-ġdida l-laqgħat kemm tal-plenarja kif ukoll tal-kumitati jiġu mxandra bil-viżiv fuq is-sit elettroniku tal-Parlament kif ukoll fuq it-televiżjoni;

TINNOTA l-ftehim li sussegwentement kien intlaħaq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra fil-laqgħa tal-11 ta' Marzu 2015 dwar il-bżonn li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati jiġu emendati biex jirriflettu dawn l-iżviluppi;

TIRRIŻOLVI li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati jiġu emendati kif ġej:

**Emendi fit-test Malti**

1. Fl-Ordni Permanenti 173 l-aħħar paragrafu li jibda bil-kliem 'Is-seduti tal-Kamra tad-Deputati' u jispiċċa bil-kliem 'dawn is-seduti ma jixxandrux' għandu jitħassar; u

2. Minnufih wara l-Ordni Permanenti 173 għandu jidħol dan l-ordni permanenti ġdid:

> *Xandir tal-ħidma parlamentari*
>
> **173 A.** (1) Il-Kamra tawtorizza, skont it-termini, kundizzjonijiet u regoli li jistgħu jkunu determinati mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra minn żmien għal żmien, ix-xandir kemm b'mod dirett kif ukoll rekordjat, bil-viżiv u bl-udit, tas-seduti tal-Kamra tad-Deputati fil-Plenarja u tal-Kumitati maħtura mill-Kamra fl-intier tagħhom permezz tar-radju, it-televiżjoni, l-internet jew kull mezz ieħor li l-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra jidhirlu xieraq:
>
> (2) Is-seduti tal-Kamra tad-Deputati fil-Plenarja għandhom jixxandru fl-intier tagħhom u diretti bir-radju mill-Public Broadcasting Services.
>
> (3) L-iSpeaker jista' jordna l-interruzzjoni tax-xandiriet meta, fl-opinjoni tiegħu, hekk ikun meħtieġ.
>
> (4) Fil-każ ta' seduti miżmuma fil-magħluq, dawn is-seduti ma jixxandrux.

**Emendi fit-test Ingliż**

1. In Standing Order 173 the last paragraph beginning with the words 'sittings of the House' to the words 'such sitting be not broadcast' shall be deleted ; and

2. Immediately after Standing Order 173 there shall be inserted the following new standing order:

*Broadcasting of Parliamentary Proceedings*

**173 A.** (1) The House authorises on such terms, conditions and regulations as may be determined by the House Business Committee from time to time, both live and recorded audio / video broadcasts of the sittings of the House of Representatives in plenary and of the Committees appointed by the House in their entirety over radio, television, the internet or any other medium that may be deemed appropriate by the House Business Committee.

(2) The sittings of the House of Representatives in plenary shall be broadcast in their entirety on radio by live transmission by the Public Broadcasting Services.

(3) The Speaker may order the interruption of such transmissions whenever, in his opinion, such interruption is necessary.

(4) In the case of sittings held behind closed doors, such sittings shall not be broadcast.

4.05.15